MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 969/2004

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Louis Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf mija u disgha u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1169.90) rapprezentanti in kwantu ghal disgha mija u erbgha u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm994.56) bhala Kapital u mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm175.33) bhala interessi sal-1 ta' Awwissu 2003.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 25 ta' Marzu 2000, tal-ittri ufficjali datati 9 ta' Mejju 2002 u 4 ta' Frar 2003 u tal-mandati ta' sekwestru u qbid prezentati kontestwalment mal-Avviz, u bl-interessi skond il-ligi mill-1 ta' Awwissu 2003 sad-data tal-pagament effetti, kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezenata mill-konvenut fl-1 ta' Gunju 2004 fejn huwa ammenta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf mija u disgha u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1169.90) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' tal-ittri ufficjali datati 9 ta' Mejju 2002 u 4 ta' Frar 2003 u tal-mandati ta' sekwestru u qbid prezentati kontestwalment ma' l-Avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------